MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## LINO FARRUGIA SACCO

Seduta tal-5 ta' Mejju, 2009

Citazzjoni Numru. 61/2006

David Debono u bintu Amanda mizzewga Mangion
vs
Kummissarju tat-Taxxi Interni

Il-Qorti,

**A. RIKORS:**

Rat ir-rikors ta’ David Debono u bintu Amanda mizzewga Mangion li bih eccepew:

1. Illi bil-pubblikazzjoni ta’ kuntratt datat 24 ta’ Novembru, 2003 bejn ir-rikorrent David Debono u bintu Amanda llum mizzewga Mangion, b’liema att David Debono ghadda b’donazzjoni lil bintu, ir-rikorrenti Amanda Mangion, id-dar Nru. 36, Triq l-Iskal, Wied il-Ghajn.

2. Illi t-taxxa dovuta skond l-Att 364 giet debitament konsenjata lin-Nutar li ippublikat il-kuntratt, liema taxxa giet ikkalkulata fuq il-valur pre-determinat mill-Perit Albert Fenech qabel il-pubblikazzjoni ta’ l-att (Dok

"A") u dik it-taxxa fl-ammont ta' Lm1102 (elf mija u zewg Liri Maltin) giet imhallsa lill-Kummissarju tat-Taxxi Interni skond ricevuta Numru 078997 datata 11 ta' Dicembru, 2003 (Dok "B").

3. Illi b'notifiki ta' likwidazzjoni IVO 85171 u IVO 85172 datati 19 ta' Ottubru, 2004, il-Kummissarju tat-Taxxi Interni talab taxxa addizzjonali/penali ta' Lm650 (sitt mija u hamsin Lira Maltin) lir-rikorrent David Debono u Lm1300 (elf u tliet mitt Liri Maltin) taxxa u Taxxa Addizjonali/Penali ohra lir-rikorrenti Amanda Mangion nee` Debono (Dok. "C" u "D").

4. Illi fit-2 ta' Novembru, 2004, ir-rikorrenti oggezzjonaw bil-miktub fit-termini tal-ligi ghal dawn it-taxxi – addizjonali/penali u dan skond l-ittra, kopja annessa mar-rikors, li giet konsenjata lill-intimat fl-10 ta' Novembru, 2004, ai termini ta' l-artikolu 56 tal-Kap 364 (Dok "E" u "F").

5. Illi b'ittra ohra datata 5 ta' Jannar, 2005, il-Kummissarju tat-Taxxi Interni rega' talab lir-rikorrenti Amanda Mangion nee` Debono is-somma ta' Lm1063 (elf u tlieta u sittin Liri Maltin), liema somma, skond hu, kienet ghadha dovuta (Dok "G").

6. Illi b'ittra datata 15 ta' Jannar, 2005, in-Nutar Rosella Sciberras, baghtet taht oggezzjoni l-ammont ta' Lm650 (sitt mija u hamsin Liri Maltin) skond kont IVO 85171 (IRS 20044842) liema ittra ta' oggezzjoni giet "acknowledged" fis-17 ta' Jannar, 2005. (Dok "H" u Dok "I").

7. Illi b'ittra ufficjali ipprezentata fit-2 ta' Gunju, 2005, il-Kummissarju tat-Taxxi Interni gie interpellat jirrifondi l-ammonti li thallsu meta kien hemm oggezzjoni ghal tali likwidazzjoni, liema oggezzjonijiet ghad ma gewx a konjizzjoni tat-Tribunal kostitwit bil-ligi biex jisma' u jiddelibera dwar tali kosntestazzjonijiet. (Dok "J" u "K").

8. Illi dan l-agir tal-Kummissarju tat-Taxxi Interni jikkostitwixxi ksur ta' l-Artikolu 469A tal-Kap 12 peress li

dan l-agir amministrattiv huwa abbuz tas-setgha ta' l-awtorita` pubblika billi dana sar ghal ghanijiet mhux xierqa, jew hu msejjes fuq kunsiderazzjonijiet mhux rilevanti u peress li dan l-agir imur mod iehor kontra l-ligi.

9. Illi l-Kummissarju tat-Taxxi Interni baqa' ma wegibx ghall-interpellazzjoni gudizzjarja, anke wara li ngiebet a konjizzjoni tieghu d-decizjoni tal-Qorti Kostituzzjonali moghtija fit-28 ta' Jannar, 2005, fl-Appell Civili numru 565/1998/1 u halla lir-rikorrenti minghajr rimedju quddiem il-Bord tal-Kummissarju Specjali kif provvdut mill-Kap 364 u Artikolu 39 (2) tal-Kostituzzjoni ta' Malta u l-Artikolu 6(1) tal-Konvenzjoni Ewropeja.

10. Illi ntbaghtu diversi ittri dwar din il-kontestazzjoni, sew lill-Onor. Prim Ministru (Dok "L" u Dok "M") u lill-Avukat Generali tar-Repubblika (Dok "N" u Dok "O"), liema ittri baqghu minghajr twegiba sakemm qed jigi intavolat dan ir-rikors.

11. Illi l-Kummissarju tat-Taxxi Interni ghadu sal-lum inadempjenti.

Ir-rikorrenti talbu lill-Qorti :

1. Tikkundanna lill-Kummissarju tat-Taxxi Interni jirrifondi l-ammonti mghoddija lilu taht oggezzjoni mir-rikorrenti.
2. Tikkundanna lill-Kummissarju tat-Taxxi Interni jhallas l-interessi legali li jkunu akkumulaw mid-data tal-hlas ta' l-ammonti mghoddija taht oggezzjoni sakemm tigi rifuza s-somma totali.
3. Issib hati lill-Kummissarju tat-Taxxi Interni li mar kontra l-provvedimenti tal-ligi skond l-Artikolu 469A tal-Kap 12, l-Artikolu 39 (2) tal-Kostituzzjoni u l-Artikolu 6 (1) tal-Konvenzjoni Ewropeja.
4. Tikkundanna lill-Kummissarju tat-Taxxi Interni jhallas lir-rikorrenti d-danni ghall-ammont kif tiddeciedi bhala gust din il-Qorti, u bhala gustifikazzjoni ghall-frustrazzjoni li sofrew ir-rikorrenti David Debono u bintu Amanda Mangion ir-rikorrenti bl-istess agir.

Bl-ispejjez kollha konnessi mal-kaz in litigazzjoni.

Rat il-lista tax-xhieda u d-dokumenti prezentati mir-rikorrenti.

**B. RISPOSTA:**

Rat ir-risposta tal-Kummissarju tat-Taxxi Interni li biha eccepixxa:

Illi fl-ewwel lok l-ewwel zewg talbiet tar-rikorrenti ghar-rifuzjoni ta' l-ammonti imhallsin lura huma frivoli u ma jistghux jintlaqghu stante li galadarba dawn thallsu skond kif titlob il-ligi ma hemm ebda raguni valida ghalfejn ghandhom jigu rifuzi lir-rikorrenti.

Illi inoltre, it-tielet u r-raba' talba rikorrenti ukoll ma jistghux jigu milqugha stante li ma jissussisti ebda ksur ta' l-Artikolu 469A tal-Kap 12 billi l-agir ta' l-intimat ma jinkwadra b'ebda mod taht il-kapijiet ta' tali artikolu, u inoltre l-intimat jiddeplora kull insinwazzjoni ta' agir mhux xieraq maghmula kontrih.

Illi inoltre, il-kaz tar-rikorrenti huwa mitmum u ghalhekk ma jezistu ebda proceduri pendenti quddiem xi Bord dwar dan il-kaz.

Illi inoltre m'huwiex il-kaz li tintalab ix-xhieda ta' l-Avukat Generali tar-Reppublika billi dan m'ghandux funzjoni ta' Ombudsman jew Awditur Intern fuq l-agir tad-Dipartiment u ghalhekk f'dan il-kaz ir-rwol tieghu kien u ghadu biss dak ta' avukat difensur ta' l-intimat.

Illi wkoll, kemm l-Onorevoli Prim Ministru kif ukoll Anthony Imbroll personalment huma citati inutilment bhala xhieda stante li x-xhieda taghhom ma tistax tinfluwixxi fuq il-meritu tal-kaz.

**<u>Il-Fatti</u>**

L-atturi David Debono u Amanda Mangion iddikjaraw il-valur kumplessiv tad-dar Nru. 36 Triq l-Iskall, M'Skala moghtija b'donazzjoni bhala ta' tnejn u tletin elf lira

(Lm32,000). Izda l-perit imqabbad mill-intimat ma qabilx ma' tali valur u sussegwentement stima l-proprjeta` trasferita bhala li kellha valur ta' hamsa u erbghin elf lira (Lm45,000). Ghaldaqstant inharget talba ghal taxxa addizzjonali.

Ir-rikorrenti ghalhekk intalbu jhallsu rispettivament l-ammont ta' sitt mija u hamsin lira (Lm650) penali (ir-rikorrent) u sitt mija w hamsin lira (Lm650) taxxa tal-boll piu` sitt mija u hamsin lira (Lm650) penali (ir-rikorrenti bintu Amanda). Pero` ghar-rigward tal-penali tar-rikorrent kienu ghadhom fil-waqt li jhallsu biss ghaxra fil-mija ta' l-ammont ta' Lm650 jigifieri Lm65, dejjem jekk il-hlas jilhaq isir fi zmien l-ewwel 90 gurnata mid-data tal-*claim* ghax altrimenti l-penali jizdiedu proporzjonalment.

Fil-fatt, ir-rikorrent hallas Lm65 u ghalhekk il-claim kontrih giet terminata. Min-naha taghha fl-10 ta' Novembru r-rikorrenti hallset biss Lm130, u ghalhekk kien ghad fadlilha taghti ammont ulterjuri. Ghaldaqstant inhargilha kont iehor ta' elf u tlieta u sittin lira (Lm1063) li jikkostitwixxi l-ammont shih originalment mitlub minghandha meno l-Lm130 li kienet diga` hallset. Fis-17 ta' Jannar ir-rikorrenti giet u hallset hames mija u hamsa u tmenin lira (Lm585), li kien l-ammont dovut sa dakinhar, u ghalhekk gie 'settled' il-kont. Peress li ma kienx fadal ammonti x'jithallsu sew minn Amanda Mangion u sew minn David Debono, ma kienx fadal lok li l-intimat Kummissarju jikkunsidra l-kaz aktar. Ghaldaqstant in konformita` mal-prassi f'kazijiet simili l-kaz gie mitmum.

Ghaldaqstant l-intimat jitlob li din il-Qorti tichad ir-rikors odjern bl-ispejjez.

Rat il-lista tax-xhieda prezentata mill-intimat.

Rat l-atti kollha tal-kawza.

Semghet lix-xhieda bil-gurament.

Semghet l-abili difensuri.

Ikkunsidrat

**C. PROVI:**

Rat l-affidavit ta’ <u>Nicholas Debono</u> fejn issemma li xi xhur qabel ma zzewget in-neputija tieghu Amanda Debono, illum Mangion, li tahbat it-tifla ta’ ibnu r-rikorrent David Debono, hu kien strumentali biex missierha jghaddilha b’donazzjoni d-dar 36, Triq l-Iskall, Marsascala. Ha hsieb li jinkariga s-servizz ta’ Perit biex jistma l-proprjeta` u wkoll inkariga lin-Nutar biex tippubblika l-att relattiv. Fil-fatt hu kien ukoll ta b’donazzjoni *garage* lill-istess neputija u kwindi kien prezenti ghall-pubblikazzjoni ta’ l-istess kuntratt. It-taxxa li kienet dovuta fuq dawn it-trasferimenti giet mghoddija lin-Nutar biex isir il-hlas skond l-Att 364. Hu talab lil ibnu biex jghaddi l-ammonti lin-Nutar biex hi tibghat dak mitlub taht oggezzjoni – kif fil-fatt ghamlet. Wara r-ritorn tieghu f’Malta, kellu inkontru mas-Sur Francis Cachia fl-ufficju tal-Kummissarju, li kien ghaddieh ghand Miss Tanya Falzon Bugeja li issuggerietlu li jkellem lis-Sur Joseph Mifsud li kien assessja t-taxxa fuq it-trasferiment. Peress li dak inhar, cioe` fit-23 ta’ Gunju, 2005, is-Sur Mifsud ma kienx *available* certa Miss Brigit Grixti talbitu jhalli n-numru tat-*telephone* biex icempillu hu, izda is-Sur Mifsud ma cempillux, allura mar hu personali fl-ufficcju biex jiddiskuti mieghu l-oggezzjoni u jindaga meta kien se jibghat il-formoli biex isir l-appell quddiem it-Tribunal li jisma’ u jiddeciedi tali oggezzjonijiet. Is-Sur Mifsud kien qallu li l-*file* kien mas-superjuri tieghu u ma setax jiddeciedi hu dak li talbu. In segwitu kien moghti parir mis-Segretarjat tal-Ministeru tal-Gustizzja li meta jkun hemm gja stima iffirmata minn Perit Tekniku, il-Kummissarju ma kellux dritt jirrevaluwa l-proprjeta` u jqabbad Perit hu, aktar u aktar meta l-Perit li ghamel l-istima kien il-Perit li kien iqabbad l-istess Kummissarju biex jaghmel xoghol ta’ valutazzjoni. F’konsultazzjoni mal-konsulent legali, wara li stharrgu x’kienu r-rekwiziti mehtiega biex tigi attakkata l-attitudni tal-Kummissarju, peress li hlief *acknowledgments* ma kienx jibghat ghall-ittra mibghuta, kien deciz li tigi intavolata kawza biex il-Qorti tiddeciedi hi jekk in-nuqqas tal-Kummissarju kienx jikkostitwixxi abbuz tal-poter meta hu kien qed izzomm flus mghoddija biss taht protesta/oggezzjoni sakemm ikun

hemm decizjoni mit-Tribunal u meta hu ma ghaddiex il-kaz lit-Tribunal imwaqqaf bil-ligi biex jisma' u jiddeciedi kazi simili taht oggezzjoni.

Xehed Anthony Imbroll u qal li dwar il-kaz in kwistjoni kellu l-*file* quddiemu u ghalhekk seta' jinforma lill-Qorti li baghat ghan-nutar Dr. R. Sciberras fl-24 ta' Novembru 2003 u kif gie irrappurtat lilhom saret donazzjoni minghand David Debono u Nicholas Debono bhala *donors* lil Amanda Debono. Id-dipartiment irrefera l-kaz lill-espert tieghu, u l-perit tad-dipartiment ta valur ta' Lm40,000 ghad-dar, valur ta' Lm5,000 ghall-arja u valur ta' Lm3,000 ghall-garaxx. Allura mid-dehra hawnhekk billi ma kienx hemm differenza bejn dak il-valur iddikjarat u l-valur li ghamel il-perit tal-garaxx, dak ma kellu johrog l-ebda kont mentri fuq il-valuri l-ohra minhabba li ecceda d-differenza bejn dak li hu dikjarat u dak li gie stabbilit minn perit tad-dipartiment, id-differenza kienet teccedi bi hmistax fil-mija kellu johrog kont fuq id-differenza bejn dak kif stmah il-perit tad-dipartiment skond kif stabbilixxa l-kummissarju fuq parir tekniku u l-valur iddikjarat u hargu zewg kontijiet kif tghid il-ligi fuq id-*donee* t-taxxa fuq id-differenza tal-valur u ammont ekwivalenti ta' dik it-taxxa bhala penali jew taxxa addizzjonali mentri fuq min taha, id-*doner*, harget it-taxxa addizzjonali biss kif hemm fil-ligi. Pero` kif qeghda l-ligi wkoll lill-partijiet fuq l-istess kont tinfurmahom li jekk dan il-kont jigi accettat dik it-taxxa addizzjonali tonqos awtomatikament ghal disghin fil-mija jekk tithallas fi zmien disghin gurnata u hemm skeda kif jekk anke jekk ma tithallasx wara disghin tithallas wara mija u ghoxrin tonqos ghal *twenty percent* qeghda mil-ligi stess tohrog, m'hijiex kwistjoni ta' oggezzjoni. F'dan il-kaz saru l-pagamenti ta' ghaxra fil-mija. Skond l-artikolu 53 tal-ligi taghhom qeghda cara li tghid li fuq dak l-ammont li jithallas ma jibqax kwistjoni u l-kaz ghal dik il-parti li thallas ikun maghluq. Section 53 tghid li jekk il-pagament tat-taxxa u tat-taxxa addizzjonali kif provdut f'dan l-artikolu jsir matul iz-zmien mid-data ta' stima kif dikjarata fl-ewwel kolonna hawn isfel it-taxxa addizzjonali li jkollha tithallas ghandha tonqos ghal ammont percentwali li jkun jikkorrispondi ghal dan fit-tieni kolonna hawn isfel u ebda taxxa addizzjonali m'ghandha tithallas ghar-rigward ta' l-ammont ta' taxxa u

ta’ taxxa addizzjonali relattiva hekk imhallsa u m’ghandha tintlaqa’ ebda oggezzjoni dwar dan. In-Nutar Sciberras baghtet ittra ta’ oggezzjoni dwar it-taxxa addizzjonali u penali. F’Gunju 2005 kienet saret risposta minnhom lis-Sur David Debono u Amanda Mangion nee` Debono ai termini ta’ l-artikolu 52 li ma setghet taghmel ebda oggezzjoni valida ladarba minn jeddha ghazlet li thallas l-ammont kollu kontestat oltre l-ammont tat-taxxa addizzjonali dovuta. Kienu ikkunsidraw il-kaz maghluq. Propjament imghaxijiet m’hemmx izda hemm riduzzjoni ta’ l-ammont jekk wiehed ikun hallas. Malli jkun sar il-hlas il-kaz huwa maghluq u ma jibqax jirrispondi aktar. Hu ma deherlux li kellu jmexxi quddiem it-Tribunal a tenur ta’ l-artikolu 56 minhabba l-fatt li kien sar il-hlas.

Xehed <u>Francis Cachia</u>, assistent direttur fid-dipartiment tal-Capital Transfer Duty. Ftakar li xi zmien ilu kien kellmu s-Sur Nicholas Debono dwar xi hlasijiet li kienu gja ghamlu. Mill-files sab wiehed vera hallas tad-donatur ghax daka jircievi biss *additional duty*, dik li huma jghidulha multa, ma jafx ezatt kemm kien, jaf li kien thallas 10% tieghu, dak gie *settled* fil-waqt li l-kont l-iehor ta’ Amanda li rceviet dak ma kienx maghluq il-kaz komplut ghaliex thallsu biss 10% tal-kont globali ghax il-kont ikun maqsum fi tnejn. Meta thallsu l-ewwel darba thallsu biss 10% tal-kont globali t’isfel meta ma kienx suppost il-kaz u hu kien fehmu lis-sinjur u dam hafna jispjegalu kif inhi l-procedura u kif tghid il-ligi fuq kollox ghax il-ligi tghidlek li trid thallas il-boll, dawk per ezempju ta’ Lm400 mbaghad jekk inti thallsu dan il-kont fi zmien disghin gurnata mid-data ta’ fuq tal-*claim*, thallas biss 10% ta’ l-*additional duty*. Mistoqsi dwar jekk is-Sur Debono xtaqx li jmur quddiem it-Tribunal u talbux ghal xi formoli qal li hu jidhirlu li ma talbux biex imur quddiem it-Tribunal. Il-kwistjoni hija li t-*tax payer* ghamel *objection*. *At the objection stage*, gieli jkun hemm kazi fejn jew jirranga jew, speci jaqbel mal-kont *at the objection stage*. Allura f’dak il-kaz mhux se jaghtuh formoli. Jekk hu jibqa’ ma jaqbilx ghal xi ftehim mad-dipartiment, aktar tard fl-*objection stage* jircievi *refusal* ta’ dik l-*objection* u ghalhekk u hu jkollu jhallas dak il-kont. Jigifieri huma fl-ufficcju ma kellhom l-ebda formoli li jaghtuhom biex jidhru quddiem il-Bord. Imbaghad meta

johrog ir-*refusal* bil-kont tar-rifjut, it-*tax payer* ghandu zmien tletin gurnata biex jaghmel hu l-appell quddiem il-Bord mhux huma jtellghuh u huma *within seven days* iridu jirrispondu dak l-appell ghax hemm l-*objection* u baqghet ma thallsitx l-*objection*. Il-kont, il-*claim* baqa' ma thallasx.

Xehed Joseph Mifsud, *Principal Officer* mad-Dipartiment ta' l-*Inland Revenue* u qal illi sa sena u nofs qabel kien ukoll jaghmel funzjoni ta' assessur. Qal illi fl-2004 meta hu kien jaghmel ix-xoghol ta' assessur kien hemm zewg kazijiet separati pero` sa certu punt konnessi ta' David Debono u ta' huh Andrew f'zewg kazijiet ta' donazzjoni. Proprjament David huwa l-papa` u Amanda u Andrew huma t-tfal, li saru kuntratti ta' donazzjoni fil-kaz ta' kull wiehed minnhom. Qal li meta baghtu l-kontijiet fil-kaz ta' kuntratt ta' bejn David u Amanda dawn il-kontijiet gew imhallsa, thallsu l-kontijiet sew tal-papa` taghha kif ukoll ta' Amanda dejjem bhala *full payment*. Qal li fil-kaz ta' Andrew kienet saret talba ghar-rikonsiderazzjoni tal-kaz mill-Perit tad-Dipartiment fis-sens illi kien hemm xi affarijiet li fil-fehma tieghu ma kienux gew ikkunsidrati bhal xi *servitudes*. Dan kien diga irrefera l-*file* ta' Andrew lill-Perit tad-Dipartiment. Eventwalment il-kontijiet ta' David ma' Andrew gew ikkancellati. Qal illi fil-kaz ta' Amanda kienet saret oggezzjoni pero` kien qalu li sejrin ihallsu taht *objection* u fil-fatt thallas. Kien hemm ittra ta' David u Amanda datata 2 ta' Novembru 2004 u indirizzata lill-Kumissarju tat-Taxxi u esibixxa kopja ta' din l-ittra. Din l-imsemmija ittra hemm accetta din l-ittra bhala oggezzjoni ghall-valur u ghall-valutazzjoni li wasal ghaliha biex jigbor it-taxxa. Ghalhekk kien qed jikkontesta l-likwidazzjoni u talab illi tigi revokata peress li l-istima li giet annessa mal-kuntratt tat-trasferimenti hija wahda gusta, li fuqha diga hallas it-taxxa. Fl-istess hin il-kontijiet gew *settled*. Irrifera ghar-regolamenti Chapter 364 Artiklu 52, artikolu 5 u ippreciza 4A li qed tirreferixxi li ebda oggezzjoni ma' tigi kunsidrata jekk issir il-hlas. Dejjem interpretawha illi jekk wiehed ihallas l-ammonti ma humiex rifondibbli. Fil-kaz ta' Amanda, il-Perit ma kienx mar it-tieni darba ghax il-kont kien diga mhallas, u ghalhekk ma setax jghid jekk kienx hemm xi kunsiderazzjonijiet ohra.

Rat l-affidavit ta' David Debono fejn issemma li hu l-kaz ressqu flimkien ma' bintu Amanda, ghaliex il-Kummissarju ma tahx il-facilita` li hu intitolat ghaliha skond il-Kap 364, fejn kull min ihoss li ghandu jaghmel riferenza ghat-Tribunal imwaqqaf apposta b'dik il-ligi biex jikkontesta talbiet tal-Kummissarju, jkun jista' jaghmel hekk. Kieku l-provvedimenti tal-ligi gew osservati mill-Kummissarju tat-Taxxi Interni, u tah kif intitolat li jkollu, access ghat-Tribunal, kieku l-ewwel kaz kien jitressaq quddiem dak it-Tribunal. Qal li kieku ihallilu l-ghodda biex jiehu dak li jippretendi bi dritt, kieku l-Kummissarju flok qabad u sarraf ic-*cheque* mibghut lilu taht oggezzjoni, baghat nota fejn jispjega li jew isarraf ic-*cheque* jew jaccetta l-oggezzjoni, kien jaghmel haga li biha jinghata *chance* li jirregola ruhhu fir-rigward. Lilu anqas tah rimedju biex jappella lit-Tribunal billi jibghatlu Refusal u l-formoli mehtiega biex iressaq il-kaz tieghu ghall-kunsiderazzjoni tat-Tribunal.

Xehed David Debono fejn qal li hu kien ta liz-zewg uliedu u cioe` lit-tifla Amanda u lit-tifel Andrew, dawn iz-zewg postijiet u in segwitu d-dipartiment tat-Taxxi Interni kien insista fuq certu pagamenti. It-tifel huwa tip li ma jinkwitax u kien insista li ma jhallasx u baqa' ma hallasx. It-tifla hija tip li tinkwieta u emozzjonali u ma riditx l-inkwiet u fil-fatt hallset. In segwitu baqa' ma hallas xejn, u t-tifla kienet hallset *under protest* u c-*cheque* issarraf u irrifjutaw li jatuhomlha lura. Kien talab li jirrifondulu l-flus izda baqa' minghajr dan ir-rifuzjoni. Ma kellux korrispondenza fuq dan l-aspett.

**D. KUNSIDERAZZJONIJIET:**

Illi dwar il-kaz in ezami jirrizulta li r-rikorrent David Debono ta b'titolu ta' donazzjoni lil bintu Amanda Debono fond f'Marsaskala li iddikjara li kellu valur ta' Lm32,000 u hallas taxxa ta' Lm1102. Il-perit imqabbad mid-dipartiment stmah Lm45,000 u giet mahruga taxxa addizzjonali u r-rikorrenti ntalbu jhakllsu Lm650 bhala penali David Debono, u r-rikorrenti Amanda Lm650 taxxa tal-boll u Lm650 penali. Pero` rigward il-penali r-rikorrenti kienu ghadhom fil-waqt li jhallsu 10% u cioe` Lm65 jekk il-hlas jilhaq isir fi zmien l-ewwel 90 gurnata. Peress li r-rikorrenti hallas is-Lm65, il-*claim* kontrieh giet terminata, waqt li r-

rikorrenti Amanda hallset Lm130 u ghalhekk inhargilha ta' kont iehor ghal Lm1063. Sussegwentement, fis-17 ta' Jannar, ir-rikorrenti Amanda hallset Lm585, l-ammont dovut sa dakinhar, u ghalhekk il-kont gie *settled*. Il-Kummissarju wasal ghall-konkluzjoni li l-kaz kien mitmum.

Il-Qorti tosserva li a tenur tal-Kap 364 artikolu 52, il-Kummissarju ghandu l-poter li jnaqqas l-ammont kif specifikat fil-ligi. Ir-rikorrenti jikkontendu li, li kieku huma ma hallsux, kienu jinkorru f'penalitajiet u imghaxijiet u li allura huma hallsu b'oggezzjoni. Ir-rikorrenti jikkontendu li kien l-obbligu tal-Kummissarju li jirreferixxi l-kaz lit-Tribunal halli dan jisma' l-kaz dwar il-mertu. Ir-rikorrenti sostnew li huma kienu ghamlu l-hlas mhux ghax accettaw izda biex jimxu bi prudenza u ma jinkorrux f'imghaxijiet ulterjuri. Kien ghalhekk li huma interpellaw lill-Kummissarju fit-2 ta' Gunju 2005 biex jirrifondi l-ammondi mhallsa taht protesta.

Issa r-rikorrenti jikkontendu li d-decizjoni tal-Kummissarju kienet bi ksur ta' l-artikolu 469A tal-Kap 12 ghax isostnu li l-Kummissarju mexa b'agir amministrattiv abuziv mill-awtorita` lilu moghtija, u li l-intimat agixxa b'dan il-mod ghal ghanijiet mhux xierqa.

Issa jigi rilevat li certament il-Kummissarju ma ivvintax xi haga minn zniedu jew mexa bil-mod kif mexa b'xi abbuz ta' poter. Irid jigi ipprecizat li l-agir tal-Kummissarju kien wiehed kompletament konformi mad-dettami tal-ligi u hadd ma jista' jimputa xejn negattiv fil-komportament tal-Kummissarju. L-aktar li wiehed jista' jasal hu li jghid li kien ikun utli li l-kaz xorta jigi riferut lit-Tribunal, izda l-Kummissarju huwa marbut bil-ligi, u bilfors kellu jimxi bil-mod kif mexa. Il-kawza Kostituzzjonali 656/98 fl-ismijiet **Vincent Cilia vs Onorevoli Prim Ministru et**, deciza fit-28 ta' Jannar 2005 tirreferi ghal kaz dwar kontestazzjoni ta' stima tal-Kontrollur tad-Dwana bazata fuq il-hlas ta' 25% ta' l-ammont stmat. Fil-kaz in ezami kien hemm il-possibbilta` li ma jsirx il-hlas u li l-kaz jispicca ghad-decizjoni quddiem it-Tribunal. Fl-istess hin il-Qorti tifhem il-hsibijiet u r-reazzjonijiet tar-rikorrenti ghal sitwazzjoni xejn felici li jew thallas kollox, u li donnu jwassal titlef dawk

il-flus ghal dejjem, jew li tmur quddiem it-Tribunal wara li ma thallasx u tirriskja li jkollok thallas dawk l-imghaxijiet kollha.

Il-problema odjerna hu li din il-Qorti ma tistax tasal biex tiddikjara li l-Kummissarju agixxa ghal ghanijiet mhux xierqa jew fuq kunsiderazzjonijiet irrelevanti. *Se mai*, ir-rikorrenti setghu ghazlu proceduri differenti. Il-ligi qieghedha cara fil-mod kif qieghedha. Ligi certament tista' tigi dikajarata kontra l-Kostituzzjoni, pero` dejjem jekk tigi istitwita fil-binarji li suppost tigi istitwita. Fil-kors tal-kawza ma gie ippruvat ebda ksur tal-Kap 12 art 469A ghax ma gie ippruvat ebda komportament hazin ta' l-intimat.

Dwar it-talbiet tar-rikorrent, biex il-Qorti tordna li l-ammonti mghoddija lill-intimat taht oggezzjoni mir-rikorrenti hu necessarju li jew ligi tigi dikjarata nulla (haga li anqas biss intalbet fil-kawza odjerna), jew li altrimenti jinstab li l-ufficjali inkarigati ma mxewx mad-dettami tal-ligi (haga li ma gietx ippruvata).

Naturalment jekk dak li mitlub fil-paragrafu precedenti ma jistax jigi milqugh, anqas ma jista' l-intimat jigi ikkundannat ihallas l-interessi legali.

It-tielet talba tar-rikorrenti hija li l-Kummissarju tat-Taxxi Interni ghandu jigi misjub hati li mar kontra l-provvedimenti tal-Ligi skond l-artikolu 469A tal-Kap 12, l-artikolu 39(2) tal-Kostituzzjoni u l-artikolu 6(1) tal-Konvenzjoni Ewropeja. Kif gja nghad, il-fatt tal-kaz ma jikkorrispondux ghal dak provvdut taht il-Kap 469A. Ma giex ippruvat ebda abbuz mill-Kummissarju tat-Taxxi Interni ghax dan mexa skond il-ligi, anke jekk l-interpretazzjoni tal-ligi hija wahda xi ftit imgebbda minhabba li wiehed qed jigi innegat id-dritt li jmur it-Tribunal jekk ihallas u b'hekk jevita imghaxijiet ulterjuri. Izda ebda wiehed mill-kapijiet li tahthom tista' ssir azzjoni amministrattiva ma hu applikabbli ghall-kaz odjern.

Fit-talbiet ir-rikorrenti semmew l-artikolu 39(2) tal-Kostituzzjoni u l-artikolu 6(1) tal-Kap 319. Izda apparti

mill-mod ghall-ahhar stramb ta' kif issemmew dawn iz-zewg artikoli ta' importanza fundamentali u li proceduralment ir-rikorrenti kellhom jadoperaw sistemi ohra, jibqa' dejjem, il-fatt li quddiem din il-Qorti ma gewx imressqin provi li jippruvaw dak allegat. Jinghad ukoll li l-imsemmija artikoli 39(2) tal-Kostituzzjoni u 6(1) tal-Konvenzjoni ghandhom ambitu vast hafna u kien mehtieg li r-rikorrenti mhux sempliciment isemmu b'mod mghaggel dawn l-artikoli izda li jirreferu specifikament ghal liema aspett partikolari huma kienu qed jirreferu bhala ksur ta' dawn l-artikoli, inkluz l-aspett partikolari relattiv.

Ir-raba' talba tar-rikorrenti hija ghall-hlas ta' danni. Huwa ovvju li d-danni johorgu jew taht xi ksur kontrattwali, jew taht xi aspett tal-*culpa aquiliana*, jew wara delitt veru u propju. Fil-kaz in ezami ma jirrizulta ebda wiehed minn dawn l-aspetti, u ghalhekk ukoll ma tistax tilqa' din it-talba.

**E. KONKLUZJONIJIET:**

Illi kif imsemmi hawn fuq dettaljatament, il-Qorti qed tilqa' l-eccezzjoni ta' l-intimat li l-ewwel zewg talbiet tar-rikorrenti ghar-rifuzjoni ma jistghux jintlaqghu ghax thallsu kif titlob il-ligi u konsegwentement ghall-istess motivi tichad l-ewwel zewg talbiet.

Tilqa' t-tieni eccezzjoni ta' l-intimat relattiv ghat-tielet u r-raba' talba rikorrenti minhabba li ma gie ippruvat ebda ksur la tal-Kap 12 art 469A, anqas tal-Kostituzzjoni artikolu 39(2) u anqas tal-Konvenzjoni, Kap 319 artikolu 6(1). Ghall-istess motivi tichad it-tielet u r-raba' talba.

Izda l-Qorti bilfors li ghal skop tal-kap ta' l-ispejjez ikollha tikkunsidra u zzomm f'mohha l-problema li cittadin isib ruhu fiha jekk ma jaqbilx ma' decizjoni tal-Kummissarju mehuda b'mod legali kif kien il-kaz u ma jridx jiehu s-sogru li jehel xebgha imghax.

Minhabba din l-ahhar raguni, il-Qorti jidhrilha li ghandha tordna li l-ispejjez tal-kaz in ezami jibqghu bla taxxa.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------